MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 629/2010

**Vodafone Limited (C-10865)**
**Vs**
**Rita Camilleri (K.I. 105866M)**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tliet mija wiehed u disghin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€391.23) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici ghal servizzi ta' telefonija cellulari rezi minnha in konnessjoni ma' *mobile phone* bin-numru 9902 4709.

Il-konvenuta interpellata diversi drabi sabiex thallas baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkluz tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghax mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-datat tal-pagament effettiv

kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuta fit-23 ta' Gunju, 2010 mill-Avukat Dr. Nadia Vella u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------